**11 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Peter Zammit

*versus*

Maria Zammit et.

**Paternità Illeġittima — Denegata Paternità — Art. 85 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex ir-raġel ikun jista' jirrifjuta li jagħraf bħala ibnu tifel li twieled minn martu fuq il-motiv ta' adulterju ta' martu, jeħtieġlu jipprova mhux biss il-fatt tal-adulterju ta' martu, iżda wkoll illi hija ħbietlu t-twelid tat-tarbija; u f'dan il-każ, jkun irid jista' jipprova, ukoll fil-kawża li b'ha huwa jrid jiċħad li jagħraf lit-tifel, sew il-fattijiet tal-adulterju*

*u tal-ħabt, kif ukoll il-fattijiet l-oħra kollha li bihom ikun jista' juri li hu mhux missier it-tarbija.*

*Anki jekk jiġi pruvat l-adulterju tal-mara, jeħtieġ li jiġi assodat inkontestabbilment iċ-ċelament tat-twelid, u jkun irid jiġi stabbilit illi l-mara adoperat ruħha biex żewġha ma jkunx jaf bit-twelid; u mhix biżżejjed is-sempliċi ċirkustanza li hi ma tkunx avżatu u ma tkun qaltlu xejn bit-twelid. Iċ-ċelament jeħtieġ li jkun pruvat b'fatti pożittivi indipendentement minn kull dikjarazzjoni tal-omm.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha li jkunu opportuni, premess li fit-2 ta' Ottubru 1957 lil Maria Zammit, mart l-attur, twieldilha tarbija adulterina bl-isem ta' Michelina, liema tifla ġiet reġistrata bħala bint l-attur u Maria Zammit, skond ma jidher mill-kopja tal-att tat-twelid hawn annessa markata dok A; u premess li l-istess Maria Zammit kienet iċċelat lill-attur il-gravidanza tagħha kif ukoll it-twelid tat-tarbija, tant li l-attur sar jaf b'dan minn għand in-nies; u peress illi Maria Zammit kienet qegħdha tgħix, u għadha tgħix, fi stat ta' adulterju ma' raġel ieħor, u dan ilha tgħix miegħu fuq sentejn; u peress illi l-attur f'dan il-perijodu ta' sentejn qatt ma kellu relazzjonijiet ma' martu, u kien fl-impossibbiltà morali li jagħmel dan, peress illi għal żmien sentejn ilu jgħix ma' ommu l-Ħamrun, waqt li martu kienet u għadha tgħix l-Imsida; talab li din il-Qorti (1) tiddikjara illi l-attur mhux obligat jirrikonoxxi bħala bintu l-imsemmija tifla adulterina, billi ma hix bintu; (2) u tordna illi l-att tat-twelid riferibbli għall-imsemmija tarbija, numru tar-reġistrazzjoni 6681, jiġi korrett fis-sens illi l-attur mhux missierha, u għalhekk titniżżel bħala mwielda minn missier injôt jew xi persuna oħra, u li taħt il-kolonna "Name and Surname", b'riferenza għall-missier, jitħassar l-isem "Peter Zammit' u jitqegħdu f'loku l-kliem "missier mhux magħruf", u jitħassru r-riferenzi kollha li hemm għalieh taħt il-kolonni l-oħrajn, u taħt il-kolonna "Name and Surname", fejn jidher isem u kunjom l-omm, jitħassru l-kliem "the said"; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Maria Zammit;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur *huwa żewġ il-konvenuta Maria Zammit, u fit-2* ta' Ottubru 1957 twieldet it-tifla Michelina, li fl-att tat-twelid tagħha (dok. A), fuq dikjarazzjoni tal-konvenuta Maria Zammit, ġiet reġistrata bħala bintha u bint l-attur;

L-attur jibbaża l-azzjoni odjerna fuq l-art. 85 tal-Kodiċi *Ċivili, li jiddisponi* illi "ir-raġel ma jistgħax jiċħad li jagħraf it-tifel bħala ibnu minħabba adulterju, ħlief meta ġie lilu moħbi t-twelid tiegħu; f'dan il-każ, huwa jkun jista' jipprova, ukoll fil-kawża li biha jkun irid jiċħad li jagħraf lit-tifel, sew il-fattijiet tal-adulterju u tal-ħabi, kif ukoll il-fatijiet l-oħra kollha li bihom jista' juri li hu mhux missier it-tifel";

Għal raġunijiet eminentement ta' ordni publiku, ir-raġel ma għandux azzjoni ta' denegata paternità fil-każ ta' adulterju tal-mara. Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, l-liġi tagħti lir-raġel din l-azzjoni meta l-adulterju jkun akkompanjat miċ-ċelament lilu tat-twelid Bħala tali, din l-eċċezzjoni hija ta' nterpretazzjoni rigoruża;

Għalhekk, qabel ħaġ'oħra, l-attur irid jipprova l-adulterju tal-konvenuta u ċ-ċelament tat-twelid tat-tarbija;

L-ewwel rekwiżit ġie assodat, billi ġie pruvat......;

Dwar it-tieni rekwiżit;

L-attur joqgħod...... Huwa xehed......;

*Omissis;*

Biex ir-rekwiżit taċ-ċelament ikun assodat irid jiġi stabbilit inkontestabbilment li l-mara tkun adoperat ruħha biex żewġha ma jkunx jaf bit-twelid. "Il faut toutefois qu'il établisse d'una manière incontestable les effors faits

par la femme pour qu'il ignore la naissance' (Planiol, Re-pert., Tome II, para. 803, p. 670);

Kif ġie stabbilit mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "Sbezzo utrinque" (Vol. IV, p. 797), irid ikun hemm "celamento volontario con intenzione positiva di occultare la nascita... e la mancanza di diretta partecipazione della nascita del fanciullo all'attore non... importa per sè sola il celamento contemplato dalla legge" — prinċipju dan li ġie ribadit mill-istess Qorti fil-kawża "Vella utrinque" (XXX-I-474). Hawnhekk il-Qorti qalet:— "Ma jikkostitwix ħabi l-fatt li l-mara ma avżatux (lill-attur żewġha), kif ġie ritenut anki minn dil-Qorti fil-kawża fuq imsemmija". Irriżulta wkoll illi ġranet qabel it-twelid huwa kien sama' li l-mara tiegħu kienet tqila; u, kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża "Abela utrinque" fid-9 ta' Novembru 1936, dan huwa ndizju kontra ċ-ċelament ...... Qabel xejn huwa meħtieġ li jkun pruvat iċ-ċelament f'fatti pożitivi, indipendentement minn kwalunkwe dikjarazzjoni tal-omm";

F'dan il-każ ma ġiex pruvat li l-konvenuta ħbiet it-twelid tat-tarbija. Għalkemm hija ma qaletx lill-attur bit-twelid, meta kienet gravida baqgħet toqgħod fejn kienet qabel meta kienet mal-attur, distanza żgħira minn fejn joqgħod l-attur; baqgħet toħroġ, kif rawha n-nies, min-għajr ma ħbiet il-gravidanza, tant li l-attur sar jaf biha; ma pparturjatx f'xi post straman jew bil-ħabi, imma fid-dar tagħha; u hija stess iddikjarat it-twelid tat-tarbija, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid (dokument A);

Għalhekk;

Tiċħad it-talbiet; bl-ispejjeż kontra l-attur.